**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 19 ta' April, 2017**

**Talba Nru: 590/2016PA**

**Caremalta Ltd**
**vs**
**Zammit Cordina Yvonne**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-15 ta' Diċembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf u erba' Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1,004.96ċ), rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi mediċi u ta' akkomodazzjoni fid-dar residenzjali Roseville provduti lilha mis-soċjeta' attriċi, fuq inkarigu tal-istess konvenuta, kif jirriżulta mill-*Admission Note* u l-*Istatement* annessi, u dan wara li l-konvenuta naqset li tħallas minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali eżekuttiva, li sarulha mis-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenuta tkun kundannata tħallas l-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva, u l-imgħax legali mill-1 ta' April 2016 sad-data tal-ħlas.

Ra l-*Istatement of Account* tal-konvenuta, datat 2 ta' Mejju 2016 (Dok.'CM1', fol.4-5), li jikkomprendi elenku ta' fatturi datati 1 ta' Ġunju 2011 sal-1 ta' April 2016, li b'kollox jammontaw għas-somma mitluba b'din il-kawża; l-Avviż tad-Dħul tal-konvenuta fid-dar tal-anzjani (Dok.'CM2', fol.6); u kopja legali ta' ittra uffiċjali eżekuttiva datata 26 ta' Mejju 2016, mibgħuta mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuta, u notifikata lilha fid-29 ta' Awissu 2016 (Dok.'CM3', fol.8-14), għas-somma mitluba b'din

il-kawża, flimkien man-nota ta' oġġezzjoni preżentata f'isem il-konvenuta fis-27 ta' Settembru 2016.

Ra li l-konvenuta kienet notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ fit-28 ta' Diċembru 2016.

Ra r-Risposta tal-konvenuta preżentata fid-19 ta' Jannar 2017, li permezz tagħha eċċepiet li t-talba attriċi hija preskritta fit-termini tal-liġi; u li l-konvenuta qatt ma rċeviet kopja tal-fatturi, u għalhekk qatt ma setgħet tikkontrolla dak li qiegħed jiġi mitlub.

Ra l-fatturi preżentati mis-soċjeta' attriċi permezz tan-Nota tagħha tas-17 ta' Frar 2017 (Dok.'CM4', fol.23-150), liema fatturi jidhru datati bejn l-1 ta' Ġunju 2011 u l-1 ta' Frar 2017.

Ra n-Nota tad-difensur tal-konvenuta preżentata fis-27 ta' Frar 2017 li permezz tagħha ġie ċċarat li l-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta hija dik stipulata fl-**art. 2156(f)** tal-Kodiċi Ċivili.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher u tippreżenta l-provi tagħha fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2017, imħollija għal dan l-iskop, u minħabba f'hekk it-Tribunal iddikjara magħluq l-istadju tal-provi tagħha.

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Attard, prodotta mis-soċjeta' attriċi, li ppreżentat kopja ta' erba' *Purchasing/Services Consent Agreements* preparati mis-soċjeta' attriċi, u ffirmati minn Steve Zammit Cordina fl-interess tal-konvenuta (Dok.'CA1' sa 'CA4', fol.156-159), u kkonfermat li l-ammont mitlub b'din il-kawża għadu dovut lis-soċjeta' attriċi mill-konvenuta għas-servizzi mogħtija lilha, u spjegati fil-fatturi preżentati.

Ra li l-konvenuta reġgħet naqset li tidher quddiem it-Tribunal, u tagħmel is-sottomissjonijiet orali tagħha fl-udjenza tal-5 ta' April 2017.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-sentenza.

Ikkunsidra li:

Jirriżulta li l-konvenuta inkarigat lis-soċjeta' attriċi sabiex din tipprovdilha servizz ta' akkomodazzjoni fid-dar 'Roseville', u servizzi oħra personali u ta' kura, minħabba fl-eta' avvanzata tal-konvenuta.

Jirriżulta wkoll li, wara li ingħatat il-kunsens għall-konvenuta biex tipprovdilha dawn is-servizzi, is-soċjeta' attriċi effettivament għamlet dan fuq medda ta' snin.

Il-konvenuta tippretendi li l-azzjoni tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas hija preskritta bid-dekors ta' ħames snin fit-termini tal-**art. 2156(f)** tal-Kodiċi Ċivili, u li hija qatt ma rċeviet il-fatturi li tagħhom qed tintalab tħallas b'din il-kawża, u allura ma setgħetx tagħmel il-verifiki tagħha.

L-**art. 2156(f)** jistabilixxi perjodu preskrittiv ta' ħames snin għal *'azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku'*.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-<u>Att I tal-2017</u> u tal-<u>Att VIII tal-2017</u>, l-**art. 2160(1)** issa jipprovdi li *'l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli ... 2156 ... m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa gietx imħallsa'*.

Għalkemm fil-prinċipju, it-Tribunal jaqbel li din il-preskrizzjoni kwinkwennali tapplika għall-kreditu mertu ta' din l-azzjoni, f'dan il-każ il-kreditu li s-soċjeta' attriċi qed titlob il-ħlas tiegħu, kif jirriżulta mill-fatturi eżibiti minnha fl-atti, ilu dovut anqas minn ħames snin, ħlief għall-ħlas dovut skond il-fatturi datati 1 ta' Ġunju 2011, 1 ta' Awissu 2011, 1 ta' Settembru 2011, 1 ta' Novembru 2011 u 1 ta' Diċembru 2011.

Mill-*Istatement of Account* preżentat mis-soċjeta' attriċi (fol.21-22), jidher li l-konvenuta kienet qed teffettwa pagamenti kull tant żmien akkont tal-ħlas dovut minnha lis-soċjeta' attriċi, bl-aħħar ħlas effettwat minnha jidher reġistrat li sar fil-5 ta' April 2016. Dan waħdu jikkostitwixxi ksur tal-preskrizzjoni fit-termini tal-**art. 2134** tal-**Kodiċi Ċivili**.

Aktar minn hekk, il-konvenuta naqset li tixhed f'din il-kawża, u għalhekk il-preskrizzjoni eċċepita minnha m'għandhiex effett, għaliex ma ssodisfatx ir-rekwiżiti l-ġodda tal-**art. 2160(1)** tal-**Kodiċi Ċivili**.

Mill-bqija, mill-fatturi eżibiti mis-soċjeta' attriċi, jirriżulta li sal-1 ta' April 2016 (ara *Statement of Account* anness mal-Avviż tat-Talba), il-konvenuta kellha tħallasha b'kollox is-somma ta' elfejn tlett mija u sebgħa u ħamsin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€2,357.99ċ), li minnhom laħqet ħallset akkont is-somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,435.77ċ)[1], u għalhekk il-bilanċ sħiħ pruvat bħala dovut mill-konvenuta lis-soċjeta' attriċi għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2011 u l-1 ta' April 2016 jammonta għal disa' mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€922.22ċ).

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' disa' mija u tnejn u għoxrin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€922.22ċ), bl-imgħax legali mis-26 ta' Mejju 2016 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fis-26 ta' Mejju 2016 jibqgħu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**

[1] Inkluż ħlas ta' €45.69ċ fis-27 ta' Marzu 2014, reġistrat fil-fattura fol.48